**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **28 TA' MEJJU 2017**

## Bazaar

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

## Novena tal-Ispirtu s-Santu

Matul din il-Ġimgħa n-novena tal-Ispirtu s-Santu tibda wara l-quddiesa tas-7:00am u l-Ħadd wara l-quddiesa tas-6:30am fejn ikollna mument ta' talb quddiem Ġesù Ewkaristija.

## Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-carers tagħhom

It-Tnejn 29 ta' Mejju 2017 fis-6.30pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali Triq il-Kappara.

## Lectio Divina

It-Tlieta 30 ta' Mejju 2017 fis-7.00pm ikollna l-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna u nispiċċaw fit-8.00pm. Inħeġġiġkom sabiex iġibu magħkom il-Bibbja.

## Festa taż-Żjara tal-Verġni Marija lil Eliżabetta

L-Erbgħa 31 ta' Mejju 2017 hija l-festa taż-żjara tal-Verġni Marija lil Eliżabetta. Fis-6:00pm ninġabru madwar Ġesù Ewkaristija u nitolbu flimkien it-talba tar-Ružarju u wara niċċelebraw il-quddiesa tas-6:30pm f'għeluq ix-xahar ta' Mejju li jfakkarna fl-Omm għażiża tagħna Marija.

## Niġġeddu fl-Ispirtu s-Santu ma' Marija

L-Erbgħa 31 ta' Mejju 2017 fil-Parroċċa tagħna fis-7.30pm ser issir Quddiesa, Adorazzjoni u Ružarju mmexxija minn Fr Hayden flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

## L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar

Il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju 2017 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:30pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

## Ħolqa Bejnietna – Ktieb tal-Festa 2017

Dawk li jixtiequ jirreklamaw fil-ħarġa speċjali tal-Programm tal-Festa ta' Sant'Anna, jistgħu ikellmuna fis-sagristija.

## Fuljett 'Flimkien'

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Ġunju 2017. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.